MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 520/2003

**APS Bank Ltd. (C 2192)**

**Vs**

**Super Travel Services Limited (C 19756) (Debitur Principali)**
**u Carmel Gauci (karta ta’ identita numru 479172M) u martu**
**Romaine Gauci (karta ta’ identita numru 257674M) (Garanti Solidali)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta et jigu kundananti jhallsu s-somma ta’ elfejn tmien mija u hamsa u tmenin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm2885.93) dovuta kwantu ghas-somma ta’ Lm2780.35 bhala bilanc ta’ debitu ta’ Loan Account numru 11428232013 u kwantu ghas-somma ta’

Lm105.58 bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 11428230022.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti in solidum inkluzi dawk tal-mandati ta' Qbid u Sekwestru prezentati ma' l-avviz u bl-imghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju 2003 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti in solidum li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Semghet lill-istess Carmel Gauci 'seduta stante' jammetti t-talbiet attrici skond kif risultanti mill-verbal tas-seduta tallum stess

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta bhala Debitur Principali u lil Carmel Gauci u martu Romaine Gauci, bhala Garanti Solidali, sabiex jhalsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm2885.93,0 bl-imghax legali ulterjuri mit-30 ta' Gunju 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes , 'in solidum' bejniethom inklusi dawk tal-mandati kawtelatorju ta' qbid u ta' sekwestru tal-20 ta' Ottubru 2003.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------